**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 657/2019**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Sarah Zerafa)**

**vs**

**KEVIN MARCHETT**
**(ID: 575777M)**

**Illum, 4 ta' Frar 2020**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **KEVIN MARCHETT** detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 575777 M tressaq quddiemha akkuzat talli:

Nhar it-28 t' Ottubru 2019 ghall-habta tat-tmienja ta' filghaxija (20:00hrs) u/jew fil-granet u x-xhur ta' qabel gewwa u/jew barra l-Hibs Ground gewwa Qasam Industrijali ta' Kordin, Paola u/jew gewwa bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer:

1. Gab ruhu b'mod li ta fastidju lil martu Karen Battistino meta kien jaf jew missu kien jaf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna.

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Karen Battistino u/jew lil ibnu Aaron Marchett, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l-propjeta` taghha

jew kontra l-persuna jew il-propjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti jew ahwa, meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imgieba tieghu se tikkaguna lil Karen Battistino u/jew lil Aaron Marchett, biza'.

3. Ghamel lil martu Karen Battistino u/jew lil ibnu Aaron Marchett ingurji u/jew theddid mhux imsemmija band' ohra fil-kodici kriminali jew jekk kien provokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

4. U talli volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew l-bon ordni b'ghajjat u/jew bi storbju

Il-Qorti giet mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Karen Battistino u Aaron Marchett u/jew persuni ohra billi jigu applikati l-provedimenti tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija jigu applikati l-provedimenti ta' l-artikoli 382A u 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Ottubru 2019 meta tressaq quddiem il-Qorti u sar l-ezami tieghu, l-imputat wiegeb li mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih;

Rat illi b'digriet tat-12 ta' Dicembru 2019 Karen Battistino giet ammessa bhala parti offiza f'dawn il-proceduri filwaqt illi b'digriet tal-4 ta' Frar 2020 Aaron Marchett gie ammess bhala parti offiza fl-istess proceduri;

Semghet ix-xhieda ta' Karen Battistino waqt l-udjenza tat-12 ta' Dicembru 2019 fejn iddikjarat li ma tridx tixhed kontra zewgha l-imputat u regghet semghet lill-istess xhud tiddikjara bil-gurament waqt l-udjenza tal-4 ta' Frar 2020 li ma tixtieqx tkompli l-proceduri kontra zewgha u tixtieq twaqqafhom;

Semghet ix-xhieda ta' Aaron Marchett waqt l-udjenza tal-4 ta' Frar 2020 fejn iddikjarat li ma jridx jixhed kontra missieru l-imputat u jixtieq iwaqqaf il-proceduri odjerni li jinsau pendent fil-konfront ta' missieru;

Rat illi waqt l-istess udjenza tal-4 ta' Frar 2020, wara li semghet lil Karen Battistino u Aaron Marchett jiddikjaraw bil-gurament li huma jridu li l-proceduri fil-konfront tal-imputat jitwaqqfu, gie ordnat, fuq talba tal-istess partijiet offizi, illi dawn il-proceduri jitwaqqfu in kwantu l-ewwel tliet imputazzjonijiet li jikkoncernaw reati li jinvolvu vjolenza domestika, u dan a tenur tal-Artikolu 543(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi fl-istess waqt il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma ghandhiex iktar provi xi tressaq;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

Ikkunsidrat;

L-unika imputazzjoni li tinsab taht l-iskrutinju tal-Qorti f'dawn il-proceduri hija r-raba' imputazzjoni li taddebita lill-imputat ir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 cioe` illi huwa volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew il-bon ordni b'ghajjat u/jew bi storbju, u dan wara illi l-proceduri dwar l-imputazzjonijiet l-ohra gew dikjarati imwaqqfa fuq talba tal-parte civile.

Illi dan il-kaz huwa evidentement wiehed ta' vjolenza domestika. Il-Qorti rat id-definizzjoni ta' "vjolenza domestika" skont kif imfisser fil-Kap. 581 tal-Ligijiet ta' Malta u tosserva illi dan it-terminu jkopri kull att jew ommissjoni li tinvolvi l-użu ta' kull xorta ta' vjolenza li tirriżulta fi ħsara jew tbatija fiżika u, jew morali, inkluż it-theddid ta' dak l-att li sseħħ fi ħdan familja jew unità domestika.

Madanakollu, huwa manifest illi l-imputazzjoni in dizamina, cioe` dik li taddebita r-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, ma taddebitax reat li jinvolvi necessarjament il-vjolenza domestika, u ghaldaqstant ir-reita` tista' tissussisti irrispettivament minn jekk kienx hemm vittma bhala rizultat tal-kommissjoni ta' dawn ir-reat. Ghall-finijiet tal-Kapitolu 581, "vittma" tfisser:-

*"... kwalunkwe persuna fiżika li hi soġġetta għal forom ta' vjolenza ... u l-membri tal-familja ta' kwalunkwe persuna li l-mewt tagħha kienet ikkawżata direttament minn tali vjolenza u li jkunu sofrew ħsara b'riżultat tal-mewt ta' dik il-persuna kif ukoll minuri li jkunu xhieda ta' forom ta' vjolenza ...;"*

Dan qed jinghad ghaliex fil-kaz tar-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(d) tal-Kap. 9 huwa vittma l-ordni pubbliku in generali u mhux Karen Battistino jew Aaron Marchett. Ghaldaqstant, ma jirrizultax illi hemm "vittma" kif imfisser fil-Kap. 581 ghall-finijiet ta' dawk ir-reati taht il-Kodici Kriminali li jirrigwardaw il-vjolenza domestika, u huwa proprju ghal din ir-raguni illi l-proceduri fir-rigward ta' dan ir-reat kellhom jitkomplew minkejja d-dikjarazzjoni tal-parti civile ghall-fini tal-Artikolu 543(e) tal-Kap. 9 li jridu jwaqqfu l-proceduri.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti semghet ix-xhieda u rat il-provi kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni f'din il-kawza, u tosserva illi kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-partijiet offizi f'dawn il-proceduri cioe` Karen Battistino u Aaron Marchett ma riedux jixhdu u ma kkonfermawx bil-gurament il-verzjoni li huma taw lill-Pulizija dwar dak li gara fit-28 ta' Ottubru 2019 meta l-imputat allegatament ikkometta dan ir-reat. Huwa minnu illi l-imputat irrilaxxa stqarrija fid-29 ta' Ottubru 2019, liema stqarrija giet esebita fl-atti (Dok. SZ5)[1], izda l-imputat baqa' ma ghamel ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'din l-istqarrija kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 338(dd) u effettivament ghalkemm huwa ammetta illi imbotta lil ibnu Aaron Marchett wara li l-istess ibnu imbotta lilu, u ammetta wkoll li heddu fl-

[1] Fol. 19 *et seq*.

okkazzjoni in dizamina u li kien hemm argoment bil-kliem bejnu u bejn martu u ibnu meta kienu hargu 'l barra mill-ground tal-futbol, il-Qorti ma tirravvizax fil-kondotta tieghu, kif ammessa, l-elementi mehtiega sabiex tista' tintab htija ghar-reat in dizamina.

In tema tal-kontravvenzjoni prospettata mill-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha moghtija fil-5 ta' Mejju 2005[2] fejn trattat b'mod ezawrjenti l-elementi li jehtiegu li jigu ppruvati sabiex tista' tinstab htija ghal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna** (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta' , kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil*[3].

*Fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Paul Busuttil**" [23.6.1994] umbaghad gie ritenut li din l-ekwiparazzjoni ta' dan ir-reat mal-kuncett Ingliz ta' "breach of the peace" tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f' kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet: "**Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.**" kien qal hekk :-*

*"Che il buon ordine e la tranquillita' pubblica sta nella sicurezza , o nella opinione ferma della sicurezza sociale, nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all' autorita' pubblica , sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e' violazione dell' ordine pubblico, independentemente dalla perpetrazione di altro reato." (Kollez. Vol. XVII, p.47, 475).*

*Fl-istess sentenza ta' Paul Busuttil gew citati b'approvazzjoni **McCall Smith u Sheldon** li, fil-ktieb taghhom "**Scots Criminal Law**" (Edin. Butterworths, 1992), jghidu :-*

[2] **Il-Pulizija vs. Noel Tanti**.

[3] Enfasi ta' din il-Qorti.

*"The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be "alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace". Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen at whom it was directed."(p.192).*

Imbaghad fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deciza fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

*"Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk:*

*'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'.*

*But if any legal expression is a term of art, breach of the peace is one of them. Recently the courts have refined the concept, and established very clearly that it is allied to arm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182)."*

Ikkunsidrat;

Applikat dan l-insenjament ghall-fattispecje tal-kaz odjern, il-Qorti tqis illi ma tistax issib reita` fl-imputat ghar-reat kontravvenzjonali in dizamina. Kif inghad, ma jirrizultax ippruvat sodisfacjentement mill-provi, lanqas b'xi ammissjoni tal-imputat waqt l-interrogazzjoni, illi fit-28 ta' Ottubru 2019 huwa ghamel xi storbju jew ghajjat jew wettaq xi att iehor li minnu nnifsu huwa kkalkolat li jqanqal, jew li attwalment qanqal, f'xi persuna ohra il-biza' ghall-inkolumita`

fizika tieghu. Wisq anqas, ghalhekk, gie ppruvat li l-imputat iddisturba l-paci pubbliku jew il-bon ordni fis-sens hawn appena mfisser. Minghajr ix-xhieda tal-parti leza u minghajr ukoll ix-xhieda tal-ufficjal tal-Pulizija li rcieva r-rapport tal-okkorrenza, il-fatti rapportati fl-istess okkorrenza ma jistghux jitqiesu li gew ippruvati lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. Konsegwentement, il-Qorti hija tal-fehma illi f'dan il-kaz huma mankanti l-provi essenzjali li juru li verament gie kommess xi att bhal dak mehtieg sabiex jikkonfigura r-reat addebitat fir-raba' imputazzjoni.

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis illi r-reat addebitat lill-imputat fir-raba' imputazzjoni ma giex ippruvat sodisfacjentement u ma tistax issib htija ghal dan ir-reat.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li qieset li l-proceduri fir-rigward tal-ewwel tliet imputazzjonijiet, twaqqfu, ma ssibx lill-imputat KEVIN MARCHETT hati tar-raba' imputazzjoni u tilliberah minn kull piena u htija ghal din l-istess imputazzjoni.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**